MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 77/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti zzewweg lil CB fil-11 ta’ Gunju 1989;
2. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;
3. Illi l-partijiet ghalkemm isseparaw *de jure* fid-19 ta’ Gunju 2012, ilhom ghal iktar minn erba’ snin *de facto* separati;

4. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li huma M li twieled fit-22 ta' Awwissu 1990 u N li twieldet fis-17 ta' Marzu 1994;
5. Illi llum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi l-esponenti hu dovut jghaddi manteniment ta' ghaxar Ewro (€10.00) kull gimgha bil-quddiem ghall-intimata u sitta u erbghin Ewro disgha u hamsin centezmu (€46.59) fil-gimgha ghat-tifla N, liema manteniment huwa ghaddej b'mod regolari b'dan li allura l-esponenti qieghed jhares l-obbligi kuntrattwali tieghu u ghalhekk mhux qed ikun hemm problema ta' hlas ta' manteniment;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg u cioe` d-divorzju bejn l-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata; li in forza taghha ippremettiet :

Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet izzewwgu fil-hdax ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (11.06.1989) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt (2) itfal li huma M li twieled fit-22 ta' Awissu 1990 u N li twieldet fis-17 ta' Mejju 1994 u dunque t-tnejn maggorenni;

Illi l-esponenti taqbel ukoll illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt datat 19 ta' Gunju 2012, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni (vide kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat mar-rikors promotur);

Illi l-esponenti taqbel ukoll illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikoncilazzjoni bejniethom stante

tirrikonoxxi li ilhom ghal aktar minn erba' snin separati de facto, u llum ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi l-esponenti filwaqt li taqbel li r-rikorrenti huwa obbligat jghaddi manteniment ta' ghaxar Ewro (€10) kull gimgha bil-quddiem ghall-esponenti u kif ukoll sitta u erbghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€46.59) fil-gimgha ghat-tifla N, b'dana illi fl-istess waqt ma taqbilx li tali manteniment qed jigi mghoddi lilha u / jew lit-tifla b'mod regolari, anzi ghall-kuntrarju huwa naqas milli jghaddi tali manteniment lilha u lit-tifla sa mid-19 ta' Gunju 2012, u sa mill-1 ta' Mejju 2012 rispettivament;

Illi wkoll l-esponenti ggib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, illi l-attur naqas milli jikkopera mal-esponenti hekk kif kontemplat fil-kuntratt ta' separazzjoni nkluz li jhallas l-arlogg tad-dawl u l-ilma u dan bi ksur tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-istess kontendenti;

Illi percio' dawn il-fatti hawn fuq imsemmija ma jissudisfawx il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-attur;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2013;

Rat in-nota tal-intimata tas-26 ta' Gunju 2013;

Rat il-verbal tallum illi permezz tieghu l-avukat difensur tal-intimata informa lill-Qorti illi l-intimata thallset l-ammont kollu dovut lilha mir-rikorrenti u ghalhekk ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet maghmula fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Gunju 2012, izda ilhom ghal aktar minn erba' snin de facto separati;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------